MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 1052/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**VS**
**OMMISSIS (IMPUTAT)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ommissis (Imputat) , ta' Ommissis –il sena, Ommissis, imwieled Ommissis nhar l-Ommissis, residenti Ommissis.

Billi hu akkuzat:

Talli fix- xahar ta'Gunju 2010, ikkommetta serq minn gewwa residenza 7, sitwata f'Olive Street, Qormi, ghad-dannu ta' Joseph Agius, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn

tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ( €2329,37)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikli din il-Qorti tista' issib htijja fl-imputat;

Rat il-verbal tas-26 ta' Mejju 2011 fejn l-imputat ma kellux oggegjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;
Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Ommissis (Imputat)** hati skond l-akkuza , u wara li rat l-Artikoli 37, 261, 267, 268, 281(b) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar (18), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammisjoni bikrija ta' l-imputat, il-fatt li kien minorenni fid-data ta' l-akkuza, il-fatt illi hu a *first offender* u il-fatt illi id-derubati haffru lill-imputat.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------